# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar, 2025.**

**Numru 10**

**Rikors numru 143/2006/1 PC**

**John u Salvina konjugi Vella**

**v.**

**Carmel u Mary Ann konjugi Camilleri**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti Carmel u Mary Ann Camilleri minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex fil-Ġurisdizzjoni Superjuri u Sezzjoni Ġenerali tagħha nhar is-7 ta' Novembru 2017 fejn *inter alia* l-Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti safejn sostnew li l-ammont mitlub mhux kollu dovut, u laqgħet ukoll it-talbiet attriċi limitatament billi ddikjarat illi l-konvenuti huma debituri versu l-atturi fis-somma ta' Lm3,187.24, illum €7,403.31 bl-interessi legali

mit-2 ta' Frar 2006. L-Ewwel Qorti kkundannat lill-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi din is-somma bl-imgħaxijet mid-data hawn indikata sad-data tal-pagament effettiv.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf preżentat nhar l-1 ta' Diċembru 2006, l-atturi fissru illi huma wettqu xogħol ta' kostruzzjoni fil-fond bin-numru sitta (6), Triq San Leonardu, Limiti Xewkija, Għawdex, liema fond jappartjeni lill-konvenuti. Dan ix-xogħol kollu sar fuq struzzjonijiet tal-konvenuti stess u li b'mod regolari kienu jissorveljaw l-istess xogħlijiet. Żiedu jispjegaw illi minkejja li xi ammonti kienu tħallsu akkont, għad baqa' bilanċ ta' ħamest elef, sitt mija u tmintax-il lira Maltin (Lm 5,618). Affermaw illi dan l-ammont ġie debitament notifikat lill-konvenuti diversi drabi u b'diversi modi iżda l-konvenuti dejjem baqgħu inadempjenti. Fid-dawl ta' dan kollu talbu lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri versu l-atturi fl-ammont ta' ħamest elef sitt mija u tmintax-il lira Maltin (Lm5,618) kif ukoll l-interessi legali middata tat-tlestija tax-xogħolijiet sad-data ta' l-effett pagament;*
>
> *2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi l-istess ammont flimkien ma' l-interessi legali mid-data tat-tlestija tax-xogħolijiet sad-data ta' leffett pagament;*
>
> *Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali ta' Lulju 2006 kollha kontra lkonvenuti li jibqgħu minn issa stess imħarrka għas-subizzjoni."*

3. Il-konvenuti intavolaw risposta ġuramentata nhar l-1 ta' Frar 2007 fejn *inter alia* eċċepew illi t-talbiet tal-atturi hekk kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* li l-ammont pretiż mhuwiex dovut fl-intier tiegħu. Sostnew ukoll illi l-atturi fil-kont tagħhom żiedu numru ta' ġranet ta' xogħol li fil-fatt ma nħadmux, żiedu ukoll il-prezz tal-għodda li oriġinarjament kien inkluż fl-ammont miftiehem u ġew ukoll mitluba jħallsu għal materjal li fil-fatt ma ntużax.

4. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex fil-Ġurisdizzjoni Superjuri u Sezzjoni Ġenerali tagħha nhar is-7 ta' Novembru 2017, il-kawża ġiet deċiża kif ġej:

> *"Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti safejn sostnew li l-ammont mitlub mhux kollu dovut, tilqa' t-talbiet attriċi limitatament billi:*
>
> *1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri versu l-atturi fis-somma ta' Lm3187.24, pari llum għal €7403.31ċ; bl-interessi legali mit-2 ta' Frar 2006; u*
>
> *2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi din is-somma blimgħaxijet mid-data hawn indikata sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi tal-każ għandhom jiġu ssoportati kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenuti, u terz (1/3) mill-attur."*

5. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi kif indikat sopra huma s-segwenti:

> *"Billi dawn il-konklużjonijiet peritali huma ta' natura teknika, u kien appuntu għalhekk li l-Qorti nnominat lil dawn il-periti sabiex jassistuha fl-indaġini tagħha dwar min kellu raġun mill-kontendenti, jidrilha li għandha toqgħod fuqhom, ġialadarba l-periti addizzjonali kellkom l-okkazzjoni jerġgħu jagħrblu sew ilkwisjonijiet tekniċi kollha nqajjma mill-*

*kontendenti f'din il-kawża, wara li dawn kienu ġia ġew eżaminati mill-ewwel perit tekniku. Għalhekk qegħdha taddottahom u tagħmilhom tagħha u konsegwentement taċċetta l-konklużjoni finali tagħhom li mill-ammont mitlub mill-atturi hija dovuta biss is-somma ta' Lm3187.24, pari llum għal €7403.31ċ.*

*Jibqa' biss il-kwistjoni tal-imgħax dovut, u minn meta għandu jibda jiġi kkalolat. M'hemmx dubbju li dan id-dejn huwa wieħed kummerċjali. L-attur esegwixxa xxogħol mitlub mill-konvenuti bħala parti mix-xogħol tiegħu ta' bennej. L-artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili jistabilixxi li jekk l-obbligazzjoni tkun ta' natura kummerċjali, l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu minn dakinhar li lobbligazzjoni kellha tiġi esegwita. Il-periti nominati kollha qablu li dawn ixxogħlijiet tlestew fit-2 ta' Frar 2006 u għahekk l-imgħaxijiet għandhom jibdew jiddekorru minn dik il-ġurnata., u dan minkejja li l-ammont realment dovut irriżulta inqas minn dak mitlub.*

*Omissis*

*Minkejja li fir-Risposta Ġuramentata tagħhom il-konvenuti jgħidu li kienu offrew lill-attur l-ammont li deherilhom li kien realment dovut, ma jirriżultax li dan attwalment sar u li jekk ġie rifjutat, ta' l-inqas għamlu xi depożitu fil-Qorti ta' dan l-ammont. Għalhekk fuq is-somma ta' €7403.31ċ li ġiet stabilita bħala li għadha dovuta, għandhom jiddikorru l-imgħaxijiet legali b'effett mit-2 ta' Ġunju 2006."*

6. Permezz tal-appell tagħhom il-konvenuti talbu lil din il-Qorti:

"*jogħġobha tikkonferma s-sentenza tas-7 ta' Novembru 2017 sa fejn dina l-Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu l-konvenuti sostnew li l-ammont mitlub mhux kollu dovut u tirriforma is-sentenza mill-bqija u tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-materjal supplit kien inferjuri għal dak ordnat, tordna minflok lil konvenuti appellanti jħallsu biss is-somma ta' LM 2613.54 pari għal EUR 6087.90 li huwa l-bilanċ li waslu għalih il-Periti mingħajr il-VAT miżjud iżda inkorporat fl-istess bilanċ bl-imgħaxijiet dekorribbli mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kollha inkluż tal-istanti kontra l-atturi appellati.*"

7. L-appellanti ressqu erba' aggravji: (i) l-imgħax mhux dovut għaż-żmien ta' qabel is-sentenza; (ii) l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkundanna lil appellanti jħallsu imgħax mid-data tat-tlestija tax-xogħol u ċjoè b'rata kummerċjali; (iii) l-Ewwel Qorti ma ndirizzatx il-kwistjoni jekk il-ftehim

kienx jinkludi VAT jew le; (iv) ma jistax ikun illi wara li ngħataw raġuni mill-Ewwel Qorti ġew ikkundannati jħallsu ¾ tal-ispejjeż tal-kawża.

8. L-appellati wieġbu għal dan l-appell fit-12 ta' Diċembru 2017 u sostnew illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti timmerita illi tiġi konfermata fl-intier tagħha, b'dan illi l-aggravji tal-appellanti huma totalment infondati u huma biss ibbażati fuq sofiżmi.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. Permezz tal-***ewwel aggravju*** l-appellanti jisħqu illi filwaqt illi huma ngħataw raġun li l-ammont mitlub mill-attur kien wieħed esaġerat, ġew ikkundannati jħallsu l-imgħaxijiet, b'dan illi l-bilanċ li ġie llikwidat ssupera l-ammont oriġinali mitlub mill-atturi. Iżidu illi jrid ukoll jittieħed in konsiderazzjoni ż-żmien li ħadu l-proċeduri in Prim'Istanza, li twalu ferm minħabba dewmien fil-preżentata tar-rapporti tal-periti perizjuri, rapport li ma kienx ġie notifikat lilhom, u kif ukoll il-fatt li l-atturi appellaw mit-taxxa tal-Periti perizjuri b'dan illi l-proċeduri kellhom jistennew l-eżitu ta' dan l-appell qabel l-istess proċeduri tħallew għas-sentenza. Isostnu illi ċertament ma jistax jingħad illi d-dewmien kien tort tagħhom u għalhekk mhuwiex ġust li jbatu l-imgħaxijiet wara li ngħataw raġun mill-Periti perizjuri dwar il-bilanċ li kien verament dovut, b'dan illi huma kellhom raġun meta ma ressqux għall-ħlas qabel ma l-ammont ġie llikwidat.

10. L-appellati min-naħa l-oħra jikkontendu illi dan l-argument huwa totalment fallaċi u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż. Isostnu illi l-Qrati Maltin f'diversi okkażjonijiet iddiskutew każijiet simili fejn ġie stabbilit illi l-interessi għandhom jiġu allokati mid-data ta' meta tlestew ix-xogħlijiet sad-data tal-pagament effettiv. Iżidu illi *in linea* mal-ġurisprudenza nostrana, ġialdarba l-atturi talbu somma determinata u speċifika, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta allokat ukoll l-interessi fuq l-istess ammont anke jekk ridott.

11. Huma ta' relevanza d-dispożizzjonijiet kontenuti fl-artikolu 1139 u l-artikolu 1140 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *"1139. Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġettil-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.L-imgħaxijiet għandhom jitħallsu bla ma hija meħtieġa prova tat-telf.*
>
> *1140. L-imgħaxijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan għandhom jitħallsu, mingħajr ma jkun jinħtieġ li l-kreditur jipprova li bata xi telf.*
> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> *(2) F' kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni."*

12. Il-Massima Rumana *"in illiquidis non fit mora"* hija riflessa f'dak li jipprovdi l-Artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ċċitat sopra. Fis-sentenza fl-ismijiet: ***Francis Xavier Aquilina vs Andrew Mamo nomine,***

deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar id-19 ta' Novembru 2001, insibu elenku ta' bosta sentenzi li jitrattaw din il-materja.

13. Huwa minnu wkoll però illi, minkejja li l-prinċipju *in illiquidis non fit mora* hija r-regola, il-ġurisprudenza introduċiet xi eċċezzjonijiet. F'dan is-sens hija s-sentenza fl-ismijiet ***Cauchi v. Zammit*** *deċiża mill-Qorti tal-*Appell (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 2008 fejn ingħad illi:

> *"Ta' min ifakkar pero` li dan il-prinċipju mhux assolut u, anzi, il-ġurisprudenza tirrikonoxxi temperament tiegħu fil-kaz ta' debiti ta' faċli likwidazzjoni jew fejn il-likwidazzjoni tiġi dilazzjonata bi ħtija tad-debitur."*[1]

14. B'referenza għal każ odjern, l-Ewwel Qorti dehrilha illi kellha tordna imgħax dekorribbli minn qabel is-sentenza appellata. L-appellanti jinsistu illi l-ammont ma kienx wieħed ċert u likwidu u għalhekk l-imgħaxijiet kellhom jiddekorru minn meta dan l-ammont ġie likwidat u ċjoè mid-data tas-sentenza in Prim Istanza u mhux anteċedement għal din l-istess sentenza u dan b'applikazzjoni tal-prinċipju *"in illiquidis non fit mora"*. Min-naħa l-oħra l-appellati jaffermaw illi l-imgħax dovut huwa dovut mid-data ta' meta tlestew ix-xogħlijiet sad-data tal-pagament effettiv ġialdarba huma ċċitaw somma determinata.

---

[1] Ara *ad exemplum*: Vincent Grech et v. Onor Professur John Gatt nomine Appell Civili 24 ta' Ottubru, 1941; Mary Boffa v. Stella Camilleri, Appell Civili, 12 ta' Frar, 1980 u Mario Sacco v. Peter Muscat Scerri et nomine, Appell, 31 ta' Jannar, 2003;"

15. Din il-Qorti tqis li (i) l-ammont oriġinarjament pretiż mill-attur jammonta għal Lm 5,618; (ii) l-Ewwel Qorti abbażi tar-rapport tekniku tal-Periti perizjuri rriduċiet l-ammont oriġinarjament pretiż għal LM 3187.24 b'dan illi ordnat li l-imgħax għandu jkun dekorribbli mid-data ta' meta tlestew ix-xogħlijiet. Qiegħed jiġi osservat illi l-partijiet ma ntavolaw l-ebda appell mill-kap tas-sentenza li jitratta l-bilanċ dovut hekk kif komputat mill-Periti perizjuri.

16. Fis-sentenza fl-ismijiet: ***Antonio Buttigieg vs Salvatore Said*** deċiża nhar il-15 ta' Jannar 1952, l-Imħallef Harding osserva illi meta l-kreditu jkun ċert, u l-kwistjoni tkun biss fuq il-"*quantum*", u d-debitur jista' jkun jaf approssivament kemm jilħaq id-debitu tiegħu, id-debitur jista' jiddepożita somma approssimativa, *salva* re-integrazzjoni, biex, minflok li d-debitur jibqa' jgawdi huwa nġustamnet l-imgħax fuq is-somma dovuta lill-kreditur, jagħti lil dan l-opportunità li jiżbanka dak l-ammont, bla preġudizzju, u jgawdi huwa l-interessi fuq flusu stess. Jekk però d-debitur ma jagħmilx depożitu simili, ikun każ ieħor fejn il-massima fuq l-imsemmija dwar id-dekorrenza tal-imgħax ma għandhiex tkun applikabbili.

17. Il-Qorti rat illi fir-rikors promotur l-atturi talbu lill-Ewwel Qorti tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri versu l-atturi fl-ammont ta' ħamest elef, sitt mija u tmintax-il Lira Maltin (LM 5,618) *piu'* l-interessi legali mid-

data tat-tlestija tax-xogħlijiet sad-data tal-pagament effetiv. Il-konvenuti min-naħa l-oħra fir-risposta ġuramentata tagħhom, affermaw illi l-ammont pretiż mhuwiex dovut fl-intier tiegħu. Filfatt din il-Qorti rat illi din kienet il-pożizzjoni tal-konvenut, *ormai* appellant Carmel Camilleri waqt it-testimonjanza *viva voce* tiegħu. Huwa rrikonoxxa illi għad hemm bilanċ li huwa dovut lill-atturi u li fil-fehma tiegħu dak dovut minnu jammonta għal madwar elfejn Lira Maltin (LM 2,000).

18. Ta' relevanza għall-vertenza odjerna huwa dak osservat mill-Qorti fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Vincent Brincat vs Anna Caruana*** deċiża nhar it-23 ta' Ġunju 2024:

> *"Fil-fatt din ta' l-ahhar dejjem ammettiet illi kellha taghti xi ammont lill-attur. Tant hu hekk illi qalet fl-eccezzjoni taghha li lammont dovut huwa ferm anqas minn dak rikjest…*
>
> *il-Qorti jidhrilha illi l-konvenuta ghamlet hazin illi zammet il-pagament dan iz-zmien kollu. Jekk kien hemm xi ammont illi ma kienx in dispute, dan messu thallas, fejn allur l-attur, bir-ragun adixxa din il-Qorti biex jiehu sodisfazzjon ta' l-ammont kollu illi kien dovut."*

19. Kif aċċennat sopra, il-konvenuti appellanti dejjem ammettew illi kien għad hemm bilanċ li kien dovut lill-atturi tax-xogħol magħmul minnhom; stat ta' fatt li jirriżulta mit-testimonjanza tal-istess konvenuti appellanti. Din il-Qorti tosserva illi l-appellanti naqqsu milli jiddepożitaw *per lo meno* dak li huma stess stqarru li, fil-fehma tagħhom, kien dovut lill-atturi u kien biss fl-istadju tal-appell illi l-konvenuti appellanti ddepożiataw is-somma hekk illikwidata in Prim Istanza. Huwa għalhekk

pależi għal din il-Qorti illi kien hemm assunzjoni ta' responsabilità għal ħlas tad-danni da parti tal-konvenuti u filwaqt li din il-Qorti tagħraf illi kien hemm ukoll xi kwistjonijiet rigwardanti l-ġranet ta' xogħol u l-kwalità tal-materjal użat, il-kwistjoni prinċipali kienet u baqgħet tirrigwarda l-ammont pretiż mill-atturi għax-xogħlijiet minnhom magħmula.

20. Applikati l-insenjamenti fuq imsemmija, u l-osservazzjonijiet magħmula, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi ma tarax li hemm x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti meta korrettament ordnat illi l-imgħax għandu jiddekorri minn data anteċedenti għas-sentenza in Prim Istanza.

21. In kwantu għaż-żmien li twalet il-kawża żgur li dan ma jistax jiġi attribwit lill-atturi li fl-aħħar mill-aħħar kellhom raġun fil-mertu tal-kawża jekk mhux għall-ammont kollu pretiż.

22. Għaldaqstant l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

23. Permezz ***tat-tieni aggravju***, l-appellanti subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, isostnu illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ndikat illi d-dejn in kwistjoni kien wieħed kummerċjali u applikat l-imgħax *ai termini* tal-artiklu 1141(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostnu illi l-liġi riedet tirriserva l-imgħax għall-attijiet kummerċjali għan-negozju bejn kummerċjanti u mhux individwi. Tul il-kors tal-

proċeduri ma nġabet l-ebda prova li x-xogħol kellu xi skop jew fini ta' natura kummerċjali *stante* li s-sit fejn sar ix-xogħol hija d-dar tal-konvenuti. Jisħaq illi l-artiklu 1141(1) tal-Kap 16 jeskludi r-relazzjoni ta' ħaddiem imqabbad biex jagħmel xogħlijiet ġewwa dar privata u *se mai* kellu jiġi nvokat l-artiklu 1141(2) bid-dekorenza tal-imgħax mid-data tal-bidu tal-proċeduri ġudizzjarji u mhux qabel.

24. L-appellati jargumentaw illi dan l-argument qatt ma nġab quddiem l-Ewwel Qorti, anzi l-Ewwel Qorti kienet rinfaċċata bi kwistjoni bejn tnejn min-nies fil-kummerċ tant illi kif jirriżulta anke mill-appell innifsu l-indirizz tal-konvenut mhuwiex il-fond fejn saru x-xogħlijiet iżda post ieħor. Dan jindika bl-aktar mod ċar kemm l-Ewwel Qorti kienet korretta meta allokat imgħax mid-data ta' meta tlestew ix-xogħlijiet.

25. Mill-atti jirriżulta illi l-atturi kif jixhed id-dokument a fol 35 tal-atti stess, huma "*Building Contractors.*" Min-naħa l-oħra, l-appellant fl-affidavit tiegħu ddikjara illi huwa pensjonant. Il-Qorti tosserva illi huwa minnu illi l-indirizz tal-fond fejn ġew attwati x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni mhuwiex l-istess indirizz fejn il-konvenuti kienu qiegħdin jiġu notifikati bl-atti tal-proċeduri in Prim Istanza.

26. L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha sostniet illi: *"Mhemmx dubju li dan id-dejn huwa wieħed kummerċjali"*, però din il-Qorti tagħraf illi tali

asserzjoni ma ġietx motivata. Ta' relevanza għal dan l-argument huma l-osservazzjonijiet fid-deċiżjoni fl-ismijiet: ***Spiridione Bartolo et vs Esther armla minn Carmel Abela et*** deċiza mill-Prim'Awla nhar l-14 ta' Lulju 2016:

> *"Dwar l-imghax, l-atturi talbu l-hlas tal-imghax mid-data tal-iskadenza tal-konvenju. Da parti taghhom, il-konvenuti kkontestaw bhala bla bazi din il-pretensjoni; sostnew illi in pessima ipotesi l-imghaxijiet kellhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sejha gudizzjali li fil-kaz tal-lum irrizulta li kien saret fid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat. Il-Qorti tifhem illi t-talba sabiex l-imghax jiddekorri kif pretiz mill-atturi saret in vista tal-Art 1141(1) tal-Kap 16 li jghid:- Jekk l-obbligazzjoni tkun ta` xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*
>
> *<u>Dan premess, il-Qorti tirrileva illi l-atturi ma ressqux il-prova illi din in kwistjoni kienet obbligazzjoni ta` xorta kummercjali.</u> Waqt illi tirreferi ghall-prezunzjoni juris tantum li tezisti fil-ligi ossija li att ta` kummercjant huwa prezunt li huwa att kummercjali, l-unika ndikazzjoni li nghatat il-Qorti kienet illi fl-affidavit tal-attur fejn dan iddeskriva ruhu bhala fil-kummerc ; imbaghad fix-xiehda tieghu l-attur ghamilha cara li huwa kien ser ibiegh maisonette lill-konjugi Abela u li l-ftehim kien li jekk ma jsirx dak il-bejgh ta` maisonette, ma kienx se jsir l-akkwist tal-post mertu ta` din il-kawza. <u>Din il-Qorti tghid illi l-prezunzjoni tapplika li kieku kien il- kummercjant id-debitur ta` l-obbligazzjoni.</u> <u>Fil-kaz tal-konvenuti, ma tressqet l-ebda prova li ghalihom l-obbligazzjoni kienet kummercjali</u>; ghalhekk, semmai ghandu jghodd l-Art 1141(2) tal-Kap 16 li jghid: F`kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta` l-obbligazzjoni.*

*A skans ta` ekwivoci, tajjeb illi jinghad li dina l-Qorti hija ukoll tal-fehma illi l-kliem "sejha ghall hlas" fl-Art 1141(2) tal-Kodici Civili jirreferi ghall-hlas tal-kapital u mhux ta` l-imghax fuqu u ghalhekk meta, bhal fil-kaz tal-lum, tkun saret it-talba b`att gudizzjarju ghall-hlas tal-kapital, l-imghax jibda jiddekorri ope legis fuq dak il-kapital (ara s-sentenza li tat il-Qorti tal- 23 Appell fl10 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "Mario Mallia u Mary Mallia nomine vs Francis Bezzina Wettinger")"* (Sottolinear ta' din il-Qorti.)

27. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha, u tqis illi l-atturi ma ressqux il-prova illi din in kwistjoni kienet obbligazzjoni ta' xorta kummerċjali. Filwaqt illi huwa minnu illi teżisti preżunzjoni *juris tantum* li fil-ligi li att ta' kummerċjant huwa preżunt li huwa att kummerċjali, ma ġiet prodotta l-ebda evidenza li l-obbligazzjoni hija waħda kummerċjali. Filfatt il-Qorti tosserva illi l-kontijiet maħruġa mill-atturi kienu indirizzati Mr and Mrs Carmel Camilleri, b'dan illi m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' numru tal-VAT. Illi mill-affidavit tal-attur John Vella, il-Qorti rat illi kif spjegat mill-istess attur, kienu mart u iben il-konvenut Camilleri li kienu jmorru jissorveljaw ix-xogħlijiet meta l-istess Carmel Camilleri kien indispost. Ma jissemmew l-ebda lavranti.

28. Huwa mifhum illi l-kuntratti ta' *locatio operis* (ara Giuseppe Muscat et v. Joyce Frendo deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 1955) ma jitqisux bħala atti tal-kummerċ iżda jitqiesu bħala atti ċivili. Kemm hu hekk, il-kuntratt ta' kiri ta' xogħol jinsab regolat fil-Kodiċi Ċivili u mhux fil-Kodiċi tal-Kummerċ.

29. Tenut kont ta' tali konsiderazzjonijiet tidħol għalhekk ir-regola msemmija fl-artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li tgħid li l-imgħaxijiet għandhom jingħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju u dan minkejja li fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Mir-rikors promotur jidher illi l-atturi kienu bagħtu ittra uffiċjali lill-konvenuti f'Lulju tas-sena 2006, fejn interpellawhom iħallsu dak lilhom dovut. Mill-atti ma jirriżultax illi tali ittra uffiċjali ġiet esibita għalkemm tissemma fl-att promotur. Il-Qorti rat ukoll illi ma saret l-ebda oppożizzjoni da parti tal-konvenuti appellant li tali ittra uffiċjali ma kinitx ġiet ppreżentata jew notifikata lilhom u filfatt fir-rikors tal-appell tagħhom affermaw biss illi kellu jiġi nvokat l-artiklu 1141(2) bid-dekorrenza tal-imgħax mid-data tal-bidu tal-proċeduri ġudizzjarji u mhux qabel. Jirriżulta lill-Qorti minn verifika tar-Reġistru tal-Qrati li l-ittra uffiċjali datata 11 ta' Lulju 2006 ġiet notifikata lil Carmel Camilleri fl-24 ta' Lulju 2006.

30. Għalhekk dan l-aggravju huwa fondat, b'dan illi l-imgħax dovut huwa dekorribli mid-data tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Lulju 2006.

31. Permezz tat-***tielet aggravju,*** l-appellanti jikkontendu illi l-Ewwel Qorti ma ndirizzatx il-kwistjoni jekk il-ftehim kienx jinkludi l-VAT jew le. Isostnu illi l-ftehim kien jinkludi l-VAT, filwaqt li l-periti affermaw illi hija prassi li l-VAT jiżdied fuq l-ammont finali. Jaffermaw illi dan juri li l-Periti

straħu biss fuq prassi u mhux fuq provi li ġew prodotti, b'dan illi l-Ewwel Qorti kellha tikkonstata hi jekk il-VAT kellux jiżdied fuq l-ammont jew jekk kienx diġa' inkorporat. Iżidu wkoll illi l-Ewwel Qorti skartat għal kollox il-fatt illi diġà kien hemm ħlas akkont, u li l-konvenuti ma ngħataw l-ebda riċevuta tal-VAT. Appropożitu jargumentaw illi filfatt l-atturi qatt ma lmentaw illi ma tħallasx il-VAT meta saru l-pagamenti akkont, u dan proprju għaliex il-VAT kien inkluż. Irrilevaw ukoll illi qatt ma ntwerew jew ġew provduti rċevuti fiskali għall-użu tal-għodda.

32. L-appellati jsostnu illi l-Periti wasslu għall-konklużjonijiet tagħhom wara li għamlu riċerka dwar ir-rati tax-xogħol ta' dak iż-żmien, u għamlu anke distinzjoni bejn ir-rati tax-xogħol f'Malta u dawk f'Għawdex. Żiedu illi huwa ferm stramb kif il-konvenuti li kellhom kull okkażjoni li jagħmlu l-eskussjoni tal-Periti naqsu milli jagħmlu dan u issa fi stadju tant avvanzat tal-kawża, appellaw u qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tiskarta r-rapport tal-Periti u minflok tadotta konklużjoni oħra.

33. Il-Qorti tosserva illi fl-assenza ta' kitba, dak li jkunu tassew ftehmu l-appaltatur u l-appaltant ikollu jirriżulta mix-xhieda ta' persuni li jridu jitfgħu dawl fuq dak li kien kontrattat. Meta mbagħad iqum il-konflitt fil-verżjonijiet, trid tkun il-Qorti li ssib tarf u tiddetermina fuq bilanċ ta' probabbilitajiet liema verżjoni hija l-aktar affidabbli, u dan tenut dejjem

kont li l-oneru tal-prova jispetta dejjem lill-attur. Fil-każ in eżami lanqas ma jirriżulta illi saru xi stimi *oltre* dak maqbul verbalment bejn il-partijiet.

34. Mill-atti jirriżulta illi l-ftehim bejn il-partijiet sar *tramite* ċertu Carmel Portelli, li kien qabbad lill-konvenuti mal-atturi. Portelli spjega illi l-qbil bejn il-partijiet kien wieħed verbali, u kkonferma illi l-prezz miftiehem kien ta' LM 20 għal kull ġurnata ta' xogħol għal kull ħaddiem. In kontroezami *a fol 169* tal-atti, Portelli spjega wkoll illi kien hemm ftehim illi kellu jsir ħlas apparti u cjoè "*extra*" għall-użu ta' krenijiet u materjal. Mix-xhieda tal-konvenut *a fol 77 et seq.,* jidher illi fl-ebda stajdu tal-kostruzzjoni ma tqabbad Perit.

35. Tul il-mori tal-proċeduri ġie nnominat espert tekniku, il-Perit Alan Saliba u kif ukoll Periti perizjuri. Il-Qorti tosserva illi minkejja li l-valutazzjonji magħmula mill-periti rispettivi kienet *ben diversa*, il-konklużjoni minnhom raġġunta kienet l-istess: il-VAT kien esklużmir-rata mifthema ta' għoxrin Lira Maltin (LM 20) għal kull ġurnata ta' xogħol għal kull ħaddiem. L-espert tekniku Alan Saliba fir-relazzjoni addizzjonali tiegħu *a fol 183* tal-atti afferma illi:

> *"20. Dwar il-VAT l-esponet jirrileva illi fl-industrija tal-kostruzzjoni għalkemm għaddew aktar minn ħmistax- il sena mill-introduzzjoni tal-VAT, ir-rati li jiġu kkwotati kemm għal xogħlijiet bil-fattura, kemm għal xogħlijiet bil-ġurnata u kif ukoll għall-materjal, dejjem ikunu kkwotati mingħajr il-Vat u l-Vat fejn tapplika tiġi miżjuda fl-aħħar tal-kont. Dan billi mhux kull kuntrattur jiġbor il-VAT (skont id-dhul tieghu) u kif ukoll billi n-nies involuti fl-industrija tal-kostruzzjoni għadhom jitrattaw bir-rati*

*eskluż l-VAT, l-istess kif għadhom jitrattaw bil-Lira Maltija nonostante illi l-Euro ilha li ġiet introdotta aktar minn tlett snin ilu. Għal dawn ir-raġunijiet minn aspett tekniku, l-esponenti jikkonsidra illi r-rata ta' għoxrin Lira Maltin (LM 20) teskludi l-VAT, dejjem salv il-mertu legali jekk ġialadarba ġiet kwotata rata din m'għandhiex tigi kkunsidrata bħala li tinkludi l-VAT dment li ma ġiex kwotat mod ieħor."*

36. Min-naħa l-oħra, il-Periti perizjuri sostnew illi:

*"Kif diga ritenut fis-suespost ir-rata ta' siegħa xogħol fil-2005/2006 f' Għawdex kienet ta' circa LM 3.00 eskluz il-Vat. Jsegwi li ġurnata normali ta' tmien siegħat kellha jkollha rata fis-suq ta' circa LM 24.00 eskluż il-Vat. Jidher għalhekk illi r-rata ta' Lm 20.00 l-ġurnata kienet diġa vantaġġuza għall-konvenuti eskluż il-VAT.* ***In vista ta' dan l-esponenti jaslu jikkonkludu li r-rata ta' LM 20.00 ma kinitx tinkludi l-VAT. Jsegwi li l-ammont totali dovut ghal 183.50 gurnata hauwa ta' LM 4330.60 inkluz il-VAT.****"*

37. L-appellanti jsostnu illi l-Ewwel Qorti ma messhiex straħet unikament fuq assunzjoni magħmula mill-Periti teknici u li dan il-punt messu ġie determinat abbażi tal-provi. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-atti tal-proċeduri u rat illi kemm f'Dok A *a fol 24* tal-atti u kif ukoll Dok E *a fol 27,* fejn minn entrambi dokumenti jinkludi elenku ta' ammonti relattivi għal ġranet ta' ħidma fost affarijiet oħra, jirriżulta pależement illi l-VAT ġie miżjud **wara**, b'dan illi għalhekk ċertament li ma kienx inkluż fl-ammont maqbul ta' LM 20 għal kuljum, għal kull ħaddiem.

38. L-istess jirriżulta mid-dokumenti mmarkati Dok H, Dok I u Dok J *a fol 30 et seq*. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ma tqisx illi dak rilevat mill-konvenut fl-affidavit tiegħu *a fol 54* fe illi: *"Nifhem illi meta tiftiehem prezz dan ikun jinkludi l-VAT"* huwa wisq verosimili, speċjalment meta din il-

Qorti hija rinfaċċata bid-dokumentazzjoni msemmija. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi li kieku l-verżjoni tal-konvenut għandha mis-sewwa, u li l-prezz ta' LM 20 kuljum kien jinkludi l-VAT, ċertament illi fid-dawl tal-ewwel kont preżentati mill-attur, il-konvenut kien ser jikkonfrontah fuq tali awment fir-rata. Filfatt fl-affidavit tiegħu *a fol 54 et seq.,* tal-atti, jisħaq illi hu kien ġibed l-attenzjoni tal-attur in kwantu ma kienux qed jaqblu fuq il-ġranet tax-xogħol u li lanqas li l-attur kellu jitħallas tal-għodda. Il-Qorti rat illi l-konvenut ma għamel l-ebda aċċenn għal xi lmenti da parti tiegħu fir-rigward ir-rata ta' ħlas għal kuljum.

39. Minkejja dak kollu allegat mill-konvenuti anke dwar il-prezz tal-materjal, il-Qorti tosserva illi ma saritx wisq insistenza sabiex jitilgħu jixhdu s-sidien tal-barriera, ċertu Bugeja, u kien biss quddiem il-Periti perizjuri nhar il-15 ta' Novembru 2012 li dan xehed, u ċjoè madwar sitt (6) snin wara li l-istess Bugeja ssupplixxa materja prima li ntużat mill-atturi. Il-Qorti tagħraf ukoll illi l-konvenuti lmentaw biss mill-fatt li l-atturi naqqsu milli jgħaddulhom l-irċevuti relattivi għall-akkwist tal-materjal u mhux tal-kontijiet relattivi għax-xoghol tal-istess atturi.

40. Għaldaqstant dan it-tielet aggravju qiegħed ukoll jiġi miċħud.

41. Permezz tar-raba' u l-aħħar aggravju tagħhom, l-appellanti jikkontendu illi ma jistax ikun li wara li ngħataw raġun ġew ikkundannati

jħallsu 3/4 tal-ispejjeż tal-kawża. Jaffermaw illi l-ammont kif mitlub mill-atturi rriżulta li ma kienx kollu dovut, u li l-ġebla wżata kienet inferjuri għal dik mitluba. L-ispejjeż tal-kawża kellhom jirriflettu proprju dan u l-fatt li l-Ewwel Qorti laqgħet iż-żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti. Lanqas ma jista' jitqies illi l-ammont kien wieħed likwidat. Lanqas mhuwa gust fid-dawl ta' kif żvolġew il-proċeduri li damu sejrin snin twal, liema dewmien kien totalment mhux fil-kontroll tal-istess konvenuti, li issa ġew ikkundannati li jħallsu għal dan id-dewmien.

42. L-appellati b'referenza għal dan l-aħħar aggravju, jaffermaw illi jekk hemm xi ħadd li bata spejjeż inutili huma l-appellati, li għamlu biss ħilithom biex jiġbru dak li kien finalment tagħhom.

43. Fid-deċide tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti pprovdiet:

> "*Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet talkonvenuti safejn sostnew li l-ammont mitlub mhux kollu dovut, tilqa' t-talbiet attriċi limitatament billi:*
>
> *1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri versu l-atturi fis-somma ta' Lm3187.24, pari llum għal €7403.31ċ; bl-interessi legali mit-2 ta' Frar 2006; u*
>
> *2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi din is-somma blimgħaxijet mid-data hawn indikata sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi tal-każ għandhom jiġu ssoportati kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenuti, u terz (1/3) mill-attur.*"

44. L-appellanti jisħqu illi mhuwiex ġust illi wara li l-Ewwel Qorti laqgħet

iż-żewġ eċċezzjonijiet tagħhom, huma ġew ikkundannati jħallsu 2/3 tal-ispejjeż. Il-Qorti tosserva illi l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti safejn huma sostnew li l-ammont mitlub mhuwiex kollu dovut, u ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-istess konvenuti in kwantu affermat illi:

> *"Minkejja li fir-Risposta Ġuramentata tagħhom il-konvenuti jgħidu li kienu offrew lill-attur l-ammont li deherilhom li kien realment dovut, ma jirriżultax li dan attwalment sar u li jekk ġie rifjutat, ta' l-inqas għamlu xi depożitu fil-Qorti ta' dan l-ammont. Għalhekk fuq is-somma ta' €7403.31ċ li ġiet stabilita bħala li għadha dovuta, għandhom jiddikorru l-imgħaxijiet legali b'effett mit-2 ta' Ġunju 2006."*

45. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-Ewwel Qorti laqgħet biss **parti** mill-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, u għalkemm ingħataw raġun mill-Periti tekniċi dwar il-fatt li l-ammont oriġinarjament mitlub mill-atturi ma kienx kollu dovut, il-bqija ta' dak eċċepit minnhom ma rriżultax. It-talbiet attriċi min-naħa l-oħra ġew milqugħa, minkejja li l-ammont oriġinarjament pretiż ġie ridott.

46. Għalhekk u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula sopra, il-fatt li l-konvenuti naqsu milli *per lo meno* jiddepożitaw dak li fil-fehma tagħhom kien dovut, u l-konklużjonijiet tal-Periti tekniċi kollha nvoluti fil-proċeduri odjerni, tqis illi l-Ewwel Qorti kienet korretta fl-allokazzjoni magħmulha minnha tal-ispejjeż tal-proċeduri.

47. Għaldaqstant, dan l-aggravju qiegħed ukoll jiġi miċħud.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula sopra, billi filwaqt illi tiċħad l-ewwel, it-tielet u r-raba' aggravju tal-appellanti, tilqa' t-tieni aggravju tal-appellanti b'dan illi fiċ-ċirkostanzi tqis illi japplika l-artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan illi l-imgħax dovut għandu jiddekorri mill-preżentata tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Lulju 2006 u għalhekk tirrevoka s-sentenza appellata safejn kompattibbli ma' dak indikat sopra.

Mill-bqija s-sentenza appellata qiegħda tiġi kkonfermata.

L-ispejjeż tal-appell għandhom jinqasmu in kwantu għal kwart ($^{1}/_{4}$) a karigu tal-appellati u tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) a karigu tal-appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
jb